**REGJUN XLOKK**
VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

**MINUTI**

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru. 01/03 tat-Tielet Amministrazzjoni**

Data: 17 ta' Ottubru 2017

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President u Sindku | Reġjun Xlokk/Kunsill Lokali Tarxien | PREŻENTI |
| **Sur Lawrence Attard** | Kunsillier | Kunsill Lokali Birgu | PREŻENTI |
| **Sinj. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | SKUŻATA |
| **DAVINIA** | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | PREŻENTI |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Isla | SKUŻAT |
| **Sra Speranza Chircop** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | PREŻENTI |
| **Sur Francis Debono** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | SKUŻAT |
| **Sur Horace Gauci** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | SKUŻAT |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Domenic Grima** | Sindku | Kunsill Lokali Paola | PREZENTI |
| **Sur Vince Farrugia** | Kunsillier | Kunsill Lokali Valletta | ASSENTI |
| **Sur Anthony Valvo** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | SKUZAT |
| **Sur Marc Anthony** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | PREZENTI |
| **Sur Joe Attard** | Sindku | Kunsill lokali Zejtun | ASSENTI |
| **Sna Antonella Galea** | A/Segretarju Eżekuttiv | | |

AĠENDA

01.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

01.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

01.3 Komunikazzjoni mill-President;

01.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

01.5 Rapporti;

01.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 72/2017;

01.7 Mozzjonijiet;

01.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## 01.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijja

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li kienu bgħatu jinfurmaw sabiex ikunu skużati mill-laqgħa, l-Kunsilli ta' Bormla, Isla, Marsa, Marsaxlokk u Xgħajra. Ittri ta' Apoloġija

i.i Il-Kumitat Reġjonali ħa nota u approva li jkunu skużati mill-laqgħa l-Kunsilli ta' Bormla, Isla, Marsa, Marsaxlokk u Xgħajra.

## 01.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

i. Peress li l-Minuti tal-Laqgħa numru 93/2017 miżmuma fi 22 ta' Settembru 2017 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti 93/2017, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv.

Hawnhekk il-President Paul Farrugia rringrazzja lill-Membri kollha tal-Kumitat Reġjonali Xlokk talli għal darb'oħra reġa' kellu l-fiduċja u ġie elett għall-tielet darba konsekuttiva bħala President ta' dan il-Kumitat Reġjonali Xlokk. Is-Sur Farrugia fakkar li fl-ebda Kumitat Reġjonali ma kienet saret kontestazzjoni u għaldaqstant ma sarux elezzjonijiet.

## 01.3 Komunikazzjoni mill-President

**i.** Il-President Paul Farrugia nforma lill-Membri li min kien ser jattendi l-Konferenza organizzata mill-Fondazzjoni Valletta 2018 bejn it-22 u l-24 ta' Novembru 2017 il-prezz issussidjat ta' €50.00 kien ser ikun rifuż fl-intier. Konferenza organizzata mill-Fondazzjoni Valletta 2018

**ii.** Dwar il-każ tal-Ex Segretajru Eżekuttiv Joan Mangion, il-President Paul Farrugia, nforma lis-Sinjuri membri li l-każ tal-QORTI li kien ser jinstema nhar is-7 ta' Novembru 2017, kien ser itella' bħala xhud lil kull min kien preżenti fil-laqgħa ta' Awwissu 2016 u mhux iż-żewġ persuni biss li dehrlu l-ispettur. Każ Ex Seg. Eżek. Joan Mangion

**iii.** Il-President nforma lill-kumitat li l-LESA kienu ħallsuna lura sa Awwissu 2017. Hawnhekk il-President Paul Farrugia reġa kkonferma li LESA ma kenitx qed tħallas ir-*running costs* imma kienu qed jirrifondu biss is-salarji tal-impjegati. **LESA**

**iii.i** Is-Sinj. Davinia Sammut - Sindku ta' Floriana staqsiet jekk bħala Reġjun Xlokk konniex irċevejna xi ħaġa dwar ir-riforma tal-LESA. Hawnhekk il-President Paul Farrugia weġibha li le ma kien wasal xejn. Is-Sindku ta' Floriana żiedet tgħid li kienet ser taħgmel laqgħa ma' l-Onor. Ministru Dr Owen Bonnici għaliex kienet qed tiltaqa' ma diversi nuqqasijiet mill-wardens stess fil-lokalita' tagħha.

iii.ii Il-President Paul Farrugia kkummenta li f'Ħal Tarxien ukoll kien qed jiltaqa' ma' l-istess problemi.

**iii.iii** Is-Sur Dominic Grima Sindku ta' Raħal Ġdid qal li hu kien ftiehem mal-LESA li ta' kuljum jibgħatilhom il-permessi biex il-gwardjani jduruhom żied jgħid li pero ma kienx qed jiġri hekk.

**iii.iv.** Is-Sinj. Davinia Sammut Sindku Floriana staqsiet ukoll dwar l-Eco Wardens.

**iii.v** Issemma l-fatt li l-Cleansing Directorate kienu qed joffru servizz ta' ammont ta' siegħat bi ħlas għal osservazzjoni ta' zoni u siti fen ikun hemm abbuż ta' rimi ta' skart u mbarazz barra. Hawnhekk il-President Paul Farrugia qal li wieħed għandu joqgħod attent għaliex dak il-ftehim setgħa jwassal għal spiża kbira għall-Kunsill filwaqt li xorta waħda ma jsir xejn effettiv. *Skema – Sorveljanza Ambejnt*

iii.vi Saret diskussjoni dwar is-servizz offrut mill-LESA fejn il-membri kollha tista tgħid ikkummentaw fuq is-servizz li qed jingħata mill-istess kumpanija.

**iv.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li meta ltqajna mas-Seg. Parl. l-Onor. Silvio Parnis, dan kien issuġġerixxa li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali nutilizzawhom għal knis tat-toroq. Il-President kien spjega li dan ma kiens seta jsir anke minħabba l-kuntratti attwali tal-knis. *Laqgħa Onor. Silvio Parnis*

**v.** Il-President nforma lill-Kumitat, li rigward il-fond ta' miljun Ewro mill-Lesa li r-Reġjun tagħna kien ser idaħħal €53,000, u li l-Kumitat kien diġa qabel fil-ħsieb li bħala Reġjun joħroġ ktieb li fih ikun hemm kull Kunsill membru fir-Reġjun Xlokk, il-President wera *sample* ta' kif kien ġej bejn wieħed u ieħor dan il-ktieb. Żied jispjega li sadanittant konna bdejna l-proċess għat-tender. *Fond ta' Miljun Ewro mill-LESA*

**v.** Il-President Paul Farrugia fir-rigward tad-dokument dwar fondi relatati mal-**EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021** spjega li l-kumitat kien għadu ma ġiex maħtur. Pero żied jispjega li kull min kellu xi ħaġa kien setgħa jressaqa. **EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2014-2021**

**vi.** Il-President Paul Farrugia nforma lill-Kumitat li hu bħala Viċi President tal-AKL ukoll kien ġie mitlub joħloq policy dwar il-ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali fosthom dawk taħt l-iskema RSSL, Community Workers u dawk reġjonali. Qal li ġie mitlub jagħmel dan sabiex ikun hemm tqassim iktar ekwu bejn il-Kunsilli Lokali. *Ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali*

vi.i Il-President talab lill-Kumitat sabiex min ikollu bżonn il-ħaddiema tar-Reġjun kellu jibgħat email sabiex b'hekk kien seta jfassal programm.

**vii.** Il-President Paul Farrugia spjega li kienu għadom għaddejjin bil-proġett tal-URBACT. Dawn il-laqgħat kienu qed isiru f'kull pajjiż li jipparteċipa fil-proġett. Il-President qal li hu kien lest li jibgħat biss lil min jipparteċipa fil-laqgħat tar-Reġjun. Nforma lis-Sinjuri Membri li l-laqgħa li jmiss kienet f'Ateni l-Greċja bejn it 8-10 ta' Novembru 2017. Ġie deċiż li l-parteċipanti għal din il-laqgħa kienu s-Sur Charlot Mifsud – Kunsill Lokali M'Skala, s-Sinj. Speranza Chircop Kunsill Lokali Kalkara, u s-Sur Lawrence Attard Kunsill Lokali Birgu interessat *URBACT*

i.ii Il-President Paul Farrugia qal li r-Reġjun kien bgħat il-kontijiet kollha għal rifużjoni. Sadanittant kien wasal rendikont li kien hemm bilanċ ta' €49,781.43

viii. Il-President informa lill-Kumitat li fir-rigward tal-inizjattiva finanzjarja ta' €500,000 li kellha tinqasam bejn il-ħames Reġjuni dwar Għoti mill-ġdid ta' tarmak lill-toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali, kien cempel lid-Direttur Gvern Lokali fejn dan kien qallu li din l-iskema kienet għalqet u l-flus li suppost kienu għar-Regjun Xlokk kienu għaddew għand ir-Reġjuni l-oħra. *Inizjattiva Finanzjarja – Għoti ta' Tarmak*

**viii.i** Il-President qal li kien ikkontesta dan għax qallu li huma bħala AKL kienu għadhom qed jistennew risposta mingħand id-DLG. Sadanittant żied jispjega s-Sur Farrugia li huwa cempel lis-Sur Mario Fava President tal-AKL u qallu dwar dan il-kaz. /is-Sur Fava qallu li hu kien jaqbel miegħu u ladarba jirritorna

mis-safar kien ser jikkontestawha din.

**01.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mir-Rappreżentanti

**01.5 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

**01.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 72/2017;**

i. L-Iskeda tal-Pagamenti 72/2017 giet approvata u giet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kumitat, mill-President u mill-A/Segretarju Eżekuttiv.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti inkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**01.7 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**01.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 19:00hrs

ii. Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar it-Tnejn 27 ta' Novembru 2017 fil-5.30pm

(IFFIRMATA)

*Kav. Paul Farrugia*
*President*

(IFFIRMATA)

*Antonella Galea*
*A/ Seg. Eżek*